MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Numru 50/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR LOUISE VELLA**
**SPETTUR YVETTE FARRUGIA**

**VS**

**JONATHAN GRANGE.**

**Illum 26 ta' Frar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jonathan Grange, ta’ 19 il-sena, iben Joseph u Mary Ann nee’ Seracino, imwieled Pieta’ nhar it-3 ta’ April 1983, li joqghod The Grange, 32, Triq il-Port Ruman, Marsaxlokk, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 188583 (M);

Talli f’Wied il-Ghajn, jew/u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, f’Settembru 2002, bejn is-7.00 u l-10.00 ta’ filghaxija;

1) b’eghmil zieni, ikkorrompa lill-persuna taht l-eta’ u cioe’ lil Monica Agius, minorenni ta’ erbatax-il-sena (14);

2) offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku;

Wara li rat l-Artikoli 203(1) u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssibu hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti filwaqt li ssib lill-imsemmi imputat hati ta’ kif addebitat mill-Prosekuzzjoni, u wara li rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali li jgib id-data tas-26 ta’ Frar 2003;

U wara li rat ir-relazzjonijiet tal-Perit Tekniku Robert Cardona u ta’ Dr. Mario Scerri MD.;

U wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat kif ukoll il-koperazzjoni tieghu ma' l-Awtoritajiet Investigattivi;

U wara li hadet in konsiderazzjoni ta' dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu, temmen illi piena karcerarja mhix adekwata f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant, filwaqt li ssib lill-imputat hati ta' kif akkuzat, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien sentejn (2) mil-lum, a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152, tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------